PROFIL:

# L-IMGHALLEM MIKIEL FSADNI



**Mikiel Fsadni meta kien qed jaħdem is-saqaf ta' l-Oratorju ta' S. Guzepp.**

*Mikiel Fsadni,* twieled fl-1869 fir-Rabat ta' l-Imdina. Hu kien dekoratur ta' fama kbira, u kien imfittex mill-aqwa nies ta' Malta, għax-xogħol ta' dekorazzjoni.

Mikiel miet fit-23 ta' Ottubru 1961. L-Imgħallem Mikiel tgħallem din l-arti minn għand missieru stess (Pietru), naħseb li ma hawnx Palazz jew Villa li Mikiel ma' daħalx fihom



**Il-Koppletta ta' l-Oratorju ta' S. Guzepp, xoghol ta' Fsadni.**

biex jagħmel xi biċċa arti minn tiegħu. Hu kien magħruf ħafna għad-dekorazzjonijiet ta' l-"acquarella", minjaturi u dekorazzjonijiet fuq stil "barokk".

Mhux faċli biex tiġbor lista tax-xogħlijiet tiegħu, li jinsabu mxerrdin ma' Malta' kollha, imma nsemmu biss xi ftit li jinsabu madwarna.

Jekk għall-festa ta' San Ġużepp, wieħed iżur il-Każin tal-Banda L'Isle Adam, isib il-biċċa l-kbira tas-swali prinċipali li hemm, huma kollha xogħol sabieħ ta' Mikiel Fsadni.

Is-Santwarju ta' San Ġużepp, hu xogħol tal-kapaċita' kbira li wera Mikiel fix-xjuħitu, għax meta għamel il-kopletta, is-saqaf u l-gallerija ta' l-orgni, kien diġa' avvanzat fiż-żmien sewwa, għax kellu diġa' fuq it-80 sena, iżda kellu ambizzjoni kbira biex minn Oratorju miżbugħ b'kulur wieħed, ibiddlu f'Santwarju kif jixraq lil San Ġużepp Inkurunat. U għalkemm ix-xogħol lestieh kollu

qabel l-Inkurunazzjoni, hu ma kellux ix-xorti li jassisti magħna għall-festi kbar li saru fl-1 ta' Mejju, 1963 li hu u sħabu tant ħadmu bil-qalb għaliha, iżda jiena ċert li dawk kollha għandhom l-akbar xorti li qed igawdu lil San Ġużepp wisq snin qabilna.

Minn barra dan, insibu wkoll xogħol minn ta' Mikiel Fsadni, fil-Parroċċa tagħna ta' San Pawl. Hemm ukoll xogħol ieħor fil-knisja ta' San Mark fir-Rabat stess.

Fl-Imdina, minbarra li ħalla xogħol tiegħu ġo xi palazzi, hemm ukoll fil-Palazz Arċiveskovili u fil-knisja tal-Karmnu hemm xogħol sabieħ ħafna fin-niċċa tal-Madonna. Hemm ukoll xogħol ta' Mikiel Fsadni ġo xi villel antiki ta' Ħal-Lija. F'Għawdex ukoll wieħed isib xi xogħolijiet ta' dan l-imgħallem, fosthom hemm il-kappella tal-Kunċizzjoni fil-Qala.

Mikiel Fsadni bħala fratell ta' l-Arċikonfraternita' ta' San Ġużepp, ħalla ħafna tifkiriet sbieħ, lil din il-fratellanza kif diġa' semmejna, imma waħda mill-opri sbieħ tiegħu kienet meta hu, flimkien ma' l-induratur Ġużeppi Farrugia mill-Imdina, fl-1930 ħadmu bejniethom l-istatwa ta' San Ġużepp li toħroġ fil-purċissjoni.

Ir-Rabtin iħossuhom wisq imkabbrin b'dan il-wirt li ħalla warajh l-Imgħallem Mikiel Fsadni, u l-ġenerazzjonijiet ta' warajna żgur li japprezzaw dan il-wirt li ma tista tħallsu b'xejn, għajr li jiġi kkonservat mill-aħjar li wieħed jista'.

---

## CENTINARJU PAWLIN

Fil-ftuħ uffiċċjali tad-19-il Centinarju Pawlin li sar fl-1960, l-Arċikonfraternita ta' San Ġużepp mexxiet il-purċissjoni mill-Kattidral ta' l-Imdina għall-Parroċċa ta' San Pawl tar-Rabat u lura.